MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2008

Numru. 1379/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ALEXANDER GRECH**

**KONTRA**

**NOEL MUSCAT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Noel Muscat ta' 20 sena, bin Paul u Vincenza nee' Schiavone, imwieled Tal-Pieta', nhar id-19 ta' Dicembru, 1986, u residenti fil-fond numru 4, Sqaq San Lazzru, Bormla, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 53587(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet:

Talli nhar is-16 ta’ Ottubru, 2007 ghall-habta ta’ xi 11.30pm waqt li kien fi Triq San Lazzru, Bormla:

1. Ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe’ offiza ta’ natura gravi fuq Susanne Camilleri, skond ma ccertifikat t-Tabib Dr Elaine Borg MD (Reg No 3018), mill-Isptar San Luqa;

2. U aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta’ Susanne Camilleri weggaghha bi kliem, b’gest, jew b’mod iehor, u dan bi ksur tal-Artikolu 252(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. U aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi hebb ghal Susanne Camilleri, u dan sabiex jingurjaha, idejjaqha, jew jaghmlilha hsara, u dan bi ksur tal-Artikolu 339(d) u (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. U aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni, jew b’xi mod iehor li mhux provdut fil-Kodici Kriminali, offendew il-morali, l-imgieba xierqa, jew id-decenza pubblika, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(bb) u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. U aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi imbotta lill-imsemmija Susanne Camilleri u dan sabiex iwegagghha jew jinsulentaha u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

6. U kif ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes, ghajjat u glied, jew b’mod iehor, u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat ix-xhieda kollha prodotti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat f'dan l-istadju ta' dawn il-proceduri, wara il nghata zmien xieraq skond il-Ligi sabiex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Wara li rat l-Artikoli 252(1), 338(bb) u (dd), 339(1)(1), 339(d) u (e), 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat Noel Muscat hati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrieh, izda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jergax jaghmel reat iehor fi zmien sitt (6) xhur, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------